# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta’ nhar il-Gimgha 1 ta’ Dicembru, 2000 .

## Citazzjoni numru : 67/99G1(PC)

**Victor u Antonia konjugi Mercieca .**

**Vs**

**L-avukat Dottor Aaronne M. Attard Hili nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Francis Mercieca b’degriet tas-7 ta’ April, 1999.**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi war li ppremettew :**

**Illi l-atturi Victor u Antonia konjugi Mercieca huma proprjetarji *in solidum* ta’ tlettax minn erbatax-il partijiet indivizi (13/14) ta’ zewg porzjonijiet art imsejha “Ta’ Bullara”, gia’ annessi mad-dar tal-atturi numru mija u hmistax (115), Triq Bullara, Xaghra, Ghawdex, u cioe’ (a) wahda li tigi retrostanti d-dar fuq imsemmija minn naha ta’ nofsinhar, u li hija tal-kejl ta’ cirka sebgha u ghoxrin metri kwadi (27m.k.) jew kejl verjuri u hija konfinanti mit-tramuntana ma’ beni tal-eredi ta’ Ganni Mifsud, u lvant ma’ beni tal-aventi kawza ta’ George Mercieca, libera u franka; u (b) l-ohra hija tal-kejl ta’ cirka mitejn u wiehed metri kwadri (201m.k.) u b’degriet tat-22 ta’ Frar, 2000 gie ordnat li l-kejl jigi ndikat bhala ta’ mitejn u hamsa u sebghin metru kwadru (275m.k.), jew kejl verjuri u tmiss mit-tramuntana ma’ beni ta’ George Mercieca, lvant ma beni tal-eredi ta’ Ganni Mifsud, u nofsinhar ma’ beni ta’ Emanuel Vella, libera u franka; u kif jidhru ahjar murija l-istess zewg bicciet raba delineati rispettivament bil-kulur ahdar u ahmar fuq il-pjanta u site-plan hawn annessa u markata A ;**

**Illi l-konvenut huwa proprjetarju tar-rimanenti kwota ndiviza ossia ta' quattordicesima parti ndiviza (1/14) mill-porzjonijiet ta' art fuq deskritta ;**

**Illi l-atturi ma jridux li jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenut u minkejja diversi tentattivi ghal qasma bonarja baqa' ma intlahaqx ftehim mal-konvenut, li baqa' jirrifjuta milli jersaq ghal divizjoni anke' wara li gie debitament avzat li jekk ser jibqa' jirrifjuta, l-atturi kienu ser jipprocedu bil-kawza opportuna kontra tieghu .**

**Talbu lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti previa d-dikjarazzjoni li l-atturi jippossjedu l-kwota ta' tlettax minn erbatax il-partijiet (13/14) indivizi miz-zewg porzjonijiet art fuq deskritti filwaqt li l-konvenut ghandu l-kwota ta' wahda minn erbatax il-partijiet ndivizi (1/14) mill-istess zewg bicciet raba ;**

1. **Tordna d-divizjoni ta' dawn iz-zewg porzjonijiet art fuq deskritti fil-kwoti kif fuq gia' msemmija ta' tlettax minn erbatax (13/14) il-partijiet lill-atturi u wahda minn erbatax (1/14) il-parti lill-konvenut ;**

2. **Kemm il-darba l-porzjonijiet art fuq imsemmija jirrizultaw li huma komodament divizibbli, tassenja lill-atturi dik il-parti diviza mill-imsemmija zewg porzjonijiet art li tikkorrispondi ghall-kwota taghhom ta' tlettax minn erbatax il-partijiet filwaqt li tassenja lill-konvenut dik il-parti diviza minn kull bicca art li tikkorrispondi ghal wahda minn erbatax-il partijiet ;**

3. **Tahtar Nutar pubbliku Malti sabiex jippubbblika l-att opportun ta' divizjoni tal-imsemmija zewg bicciet art f'data, hin, u lok li jigu ffissati minn din il-Qorti u bl-intervent tal-kuratur nominat minn din il-Qorti fl-eventwali kaz li l-konvenut jonqos milli jidher fuq l-art opportun ta' divizjoni ;**

4. **Kemm-il darba jirrizulta li z-zewg porzjonijiet art fuq imsemmija ma humiex komodament divizibbli, allura tordna l-bejgh taghhom in licitazzjoni f'data, hin, u lok li jigu ffissati minn din il-Qorti u r-rikavat jigi psartit bejn il-partijiet kontendenti fil-kwoti rispettivi kif fuq indikati .**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu 1999 u tar-rikors ghan-nomina tal-kuraturipprezentat kontestwalment mal-ittra ufficjali .**

**U bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni debitament imharrek .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Victor Mercieca .**

**Rat id-dokumenti annessi mac-citazzjoni .**

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine illi eccepixxa :**

1. **Illi l-esponenti ma hux edott mill-fatti kif imsemmija fid-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi ;**

2. **Illi l-esponenti jirriserva li jressaq l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju opportun .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut nomine minnu ikkonfermata bil-gurament .**

**Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Ottubru, 1999, fejn l-AIC Joseph Mizzi gie nominat bhala perit tekniku biex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici .**

**Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku, minnu kkonfermata bil-gurament fil-11 ta' Awissu, 2000, liema relazzjoni tinsab annessa ma' l-atti ta' din il-kawza .**

**Ikkunsidrat illi mill-istess relazzjoni tal-perit tekniku jirrizulta illi z-zewg porzjonijiet art in divizjoni ma humiex komodament divizibbli, u ghalhekk l-istess perit tekniku ssuggerixxa li l-Qorti ghandha tordna il-bejgh taghhom in licitazzjoni, sabiex ir-rikavat imbaghad jigi maqsum bejn il-partijiet kontendenti fil-kwoti rispettivi spettanti lilhom . L-istess perit tekniku imbaghad jaghti valutazzjoni ta' l-istess proprjeta' fis-somma ta' sitt elef lira maltija .**

**Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' dawn il-konkluzjonijiet peritali, tiddecidi l-kawza billi :**

1. **tordna d-divizjoni taz-zewg porzjonijiet art deskritti fic-citazzjoni fil-kwoti imsemmija, u cioe' ta' tlettax minn erbatax (13/14) il-partijiet lill-atturi, u wahda minn erbatax (1/14) il-parti lill-konvenut .**

2. **Billi dawn il-porzjonijiet irrizultaw illi ma humiex komodament divizibbli bejn il-partijiet, tichad it-tieni u t-tielet talba, u ghal hekk tilqa' r-raba talba, u tordna l-bejgh ta' l-istess zewg**

> **porzjonijiet art indikati fic-citazzjoni, bis-subbasta f'data li tigi iffissata minn din il-Qorti fuq talba apposta ta' xi hadd mill-partijiet aktar 'il quddiem, u dana sabiex ir-rikavat mill-istess bejgh in licitazzjoni li ghalih ghandhom jigu ammessi l-oblaturi estranei wkoll, imbaghad jigi diviz bejn il-partijiet skond il-kwoti taghhom indikati fl-istess citazzjoni .**

**L-ispejjez tal-kawza, u dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu, 1999, u n-nomina tal-kuratur ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet, u dana skond l-ishma rispettivi taghhom .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S6799Pc
980

**1. qorti ghad**